**4 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Fredu sive Effie Borg

**Kumpilazzjoni — Rinviju — Kompetenza — Appell.**

*Jekk, wara li jkunu ġew lilu mibgħuta mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali l-atti ta' kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat, l-Attorney General jibgħat lura dawk l-atti lil dik il-Qorti bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, biex tiddeċidi hija fuq il-ħtija dedotta kontra l-imputat, imma fin-nota tar-rinviju dak l-uffiċjal isemmi reat li jeċċedi l-kompetenza ta' dik il-Qorti, hija sewwa s-sentenza tal-Maġistrat li jiddikjara ruħu nkompetenti biex jiddeċidi fuq dak ir-reat. Għax, għalkemm hu veru illi l-Maġistrat, wara r-rinviju, jista' jsib l-imputat ħati ta' reat ieħor divers minn dak imsemmi fir-rinviju, dan però japplika meta dak ir-reat l-ieħor ikun ta' kompetenza tagħha bħala Qorti ta Kriminali Ġudikatura; mentri, fil-każ partikulari, fin-nota tar-rinviju l-Attorney General, dan indika reat li l-konjizzjoni tiegħu ma hix ta' kompetenza ta' dik il-Qorti, imma ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina.*

*Imma meta l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Kriminali Gudikatura tkun iddikjarat l-inkompetenza tagħha, hija ma għandhiex terġa tibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Attorney General, imma jmissha qabel xejn, "hic et nunc", tittrasforma ruħha f'Qorti ta' Kriminali Istruttorja mill-ġdid, fuq l-imputazzjoni ta' kompetenza superjuri kontenuta fin-nota tar-rinviju tal-Attorney General, u mbgħad, wara li terġa tagħlaq il-kumpilazzjoni mill-ġdid.issegwi, skond dak li jirriżulta, il-proċedura li tibgħat lill-imputat biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża jew tiddeċidi l-kawża hija stess.*

*Mhix sostenibbli l-eċċezzjoni tal-Attorney General fil-każ, li d-digriet li bih il-Maġistrat irrimetta l-atti lilu huwa inappellabbli; għax dak, proprjament, mhux sempliċi digriet ta' remissjoni tal-attijiet, imma huwa wkoll dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sens li hija nkompetenti biex tieħu konjizzjoni tar-reat indikat fin-nota tar-rinviju; din il-pronunċja hija, b'liġi, espressament kunsidrata bħala sentenza li minnha jista' jappella l-Attorney General, u kwindi żgur jista' jappella l-imputat.*

Il-Qorti:— Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni kontra Fredu sive Effie Borg, fuq l-imputazzjoni (1) talli l-Ħamrun, f'dawn l-aħħar sitt xhur, biex jixtrieħ, offra lil John Fondacaro, player tal-Football Team "Hamrun Spartans", rigal jew kumpens biex iħajru jagħmel jew ma jagħmelx atti li bihom, jew minħabba n-nuqqas tal-għemil tagħhom, isofru l-interessi tat-team tiegħu, il-"Hamrun Spartans", li huwa jirrappreżenta, fil-logħba football tal-Ewwel Division, li kellha tintlagħab bejn il-football team tal-"Hamrun Spartans" u football team ieħor; (2) talli l-Hamrun, matul ix-xahar ta' Novembru 1958, biex jixtrieħ, offra lil Alfred Falzon, player tal-Football Team "Hamrun Spartans", rigal jew kumpens biex iħajru jagħmel jew ma jagħmelx atti li bihom, jew minħabba n-nuqqas ta' għemil tagħhom, isofru l-intereesi tat-team tiegħu, il-Hamrun Spartans, li huwa jirrappreżenta, fil-logħba football tal-Ewwel Diviżjoni li kellha tintlagħab bejn it-team "Hamrun Spartans" u football team tar-Rabat fis-26 ta' Novembru 1958; (3) talli l-Hamrun, fil-21 ta' Frar 1959, biex jixtrieħ, offra lil Anthony Cassar, player tal-football team "Hamrun Spartans" rigal jew kumpens biex iħajru jagħmel jew

ma jagħmelx atti li bihom, jew minħabba n-nuqqas tal-għemil tagħhom, isofru l-interessi tat-team tiegħu, il-"Hamrun Spartans", li huwa jirrappreżenta, fil-logħba football tal-Ewwel Diviżjoni, li kellha tintlagħab bejn il-football team tal-Hamrun Spartans u football team tar-Rabat fil-21 ta' Frar 1959;

Rat in-nota tal-Attorney General tal-ewwel ta' Marzu 1960, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħutin lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabiex hija tiddeċidi fuq il-ħtija jew ħtijiet ta' kompetenza tagħha, taħt dak li hemm maħsub fl-art. 2(c) tal-Ordinanza nru. XXV tal-1946 u fil-Government Notice nru. 337 tal-1940, rigward l-offerta magħmula lil John Fondacaro, lil Alfred Falzon u lil Anthony Cassar rispettivament, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Marzu 1960, li biha ddikjarat ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni miġjuba fin-nota tal-Attorney General tal-ewwel ta' Marzu 1960, u ordnat li l-proċess, flimkien ma' kopja tad-deċiżjoni, jiġu mibgħutin lill-Attorney General għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Dik il-Qorti, difatti, ikkunsidrat;

Illi, wara l-qari tal-imsemmija nota ta' rinviju, il-Qorti ssollevat "ex officio" l-inkompetenza tagħha, u Dr. Mallia, għall-imputat, issottometta li għall-finijiet kollha tal-liġi din il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija l-lum, bl-imsemmi rinviju tal-Attorney General, irrevokabbilment u insindakabbilment investita bil-ġurisdizzjoni, u ma tistax aktar tissolleva l-inkompetenza tagħha bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Trattata din il-preġudizzjali mill-Avukat tal-Kuruna Dr. M. Tufigno u mill-Avukat Dr. Paul Mallia għall-imputat, ikkunsidrat;

Illi l-art. 2(c) tal-Ordinanza XXV tal-1946, kif emendat bl-Att XXXIX tal-1955, imsemmi fin-nota ta' rinviju, jiddisponi:— "If any person corruptly gives or agrees to

give, or offers any gift or consideration to any player, or to any official or organiser, as an inducement or reward for doing or omitting to do, or for having after the commencement of this Ordinance done or omitted to do any act in contravention of para. (a) or (b) hereof, shall be guilty of an offence against this Ordinance, and shall be liable, on conviction, to imprisonment for a term not less than four months, but not exceeding thirty months, to which a fine (multa) may be added not exceeding five hundred pounds";

Illi huwa prinċipju akkolt mill-ġurisprudenza tagħna, li meta fl-għeluq tal-kumpilazzjoni l-attijiet jiġu mibgħutin lill-Attorney General, u dan jiddeċidi li ma jkunx hemm lok li jqiegħed lill-imputat taħt att tal-akkuża, u jirrimetti l-attijiet lill-Qorti tal-Maġistrati biex din, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tiddeċidi dwar l-imputazzjoni ta' reat fil-kompetenza tagħha, l-unika ħaġa li biha jkun vinkolat il-Maġistrat hija li ma għandux aktar jikkunsidra li mill-attijiet jista' jkun hemm reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, peress li bid-deċiżjoni tal-Attorney General dak il-punt huwa irrevokabbilment deċiż (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Antonio Barbara", 2.12.1939, Vol. XXX-IV-632);

Illi, però, kif tgħid din is-sentenza issa ċitata, il-kliem stess tal-liġi huma fis-sens li lill-Attorney General ikun jidhirlu li jista' jkun hemm lok għall-imputazzjoni inferjuri, u kwindi l-Qorti "ad quam" tista' ssib lill-imputat ħati ta' reat ieħor ta' kompetenza tagħha;

Illi l-kliem testwali tal-art. 445 para. (5) tal-Kodiċi Kriminali, li jagħmel għall-każ, huma dawn:— "Jekk l-Attorney General ikun jidhirlu li mill-kumpilazzjoni jista' joħroġ reat ta' kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, għalhekk l-Attorney General fir-rinviju jispjega għaliex huwa, għalkemm ma sabx reat ta' kompetenza superjuri, ma lliberax lill-imputat skond l-ewwel paragrafu tal-artikolu ċitat, iżda bagħtu quddiem il-Qorti t'Isfel biex ikun ġudikat minnha fuq imputazzjoni oħra ta' kompetenza inferjuri;

Illi, meta wieħed jeżamina bir-reqqa kollha d-deċiżjoni

tal-Qorti Kriminali (Sede Appell) in re "Il-Pulizija vs. Joseph Degiorgio", tal-15 ta' Frar 1944 (Vol. XXXII-I-IV-683-691), isib li in segwitu għar-remissjoni tal-attijiet mill-Attorney General l-imputazzjoni ssir dik, u titbiddel f'dik, tar-reat previst mill-artikolu ċitat fl-istess nota ta' rinviju;

Illi huwa wkoll prinċipju indiskuss li wara r-rinviju tal-Attorney General l-imputat jista' jinstab ħati ta' reat ieħor, u mhux ta' dak maħsub mill-Attorney General, iżda qatt ta' reat aktar gravi. Dan neċessarjament ifisser li din il-Qorti tista' tikkonvinċi lill-imputat tar-reat dedott fin-nota tar-rinviju — ħaġa li, però, fil-każ preżenti mhix legalment possibbli, għaliex ir-reat indikat huwa dak previst fl-art. 2(c) tal-Ordinanza XXV tal-1946, li, kif intqal, jikkommina piena ta' tletin xahar, li indubbjament teċċedi l-kompetenza ta' din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Illi bl-"Administration of Justice (Emergency) Regulations", emanati bil-Government Notice No. 337 tal-1940, il-kompetenza ġiet elevata għal sentejn f'każijiet simili, jiġifieri bir-remissjoni tal-attijiet tal-kumpilazzjoni da parti tal-Attorney General. Dawn ir-regolamenti jiddisponu hekk:— "The Attorney General may send for trial before a Court of Magistrates of Judicial Police any person charged with an offence punishable with imprisonment or hard labour exceeding three months, but not exceeding two years, and thereupon the said Court shall be competent to try such offence". Fil-każ odjern, tant l-imputazzjoni oriġinali, kemm dik dedotta fin-nota tar-rinviju, timporta piena eċċedenti dawn il-limiti, liema eċċess jirrendi ovvjament inkompetenti din il-Qorti;

Illi fid-deċiżjoni relattiva għall-kawża "Il-Pulizija vs. Giużeppi Azzopardi", mogħtija mill-Qorti Kriminali (Sede Appell) fil-11 ta' April 1949 (Vol. XXXIII-IV-857), hemm riflessjoni li tista' aġevolment tiġi applikata għal dan il-każ, u ċjoè li, jekk il-piena tar-reat dedott mill-Attorney General teċċedi s-sentejn, dan jimpedixxi r-rinviju għad-deċiżjoni sommarja;

Illi huwa veru li f'każ ta' rinviju l-Attorney General, għalkemm ma jorbotx għal kollox lill-Maġistrat, żgur però li jorbtu fuq ħaġa waħda, jiġifieri li l-Maġistrat ma jkunx jista' aktar isib imputazzjoni li teċċedi l-kompetenza tiegħu sa sentejn piena. Għalhekk, bħala korollarju ta' dan il-prinċipju, u fit-termini tal-artikolu 445 fuq ċitat, fir-rinviju jiġu msemmijin biss reati sa dak il-massimu. Fil-każ preżenti ġara li l-Attorney General iddeduċa reat superjuri għal din il-piena, u b'dan kollu bagħat l-attijiet għall-ġudizzju definittiv ta' din il-Qorti, fil-waqt stess li dan il-ġudizzju, għarraġunijiet premessi, ma jistgħax isir. Kieku kellu jingħad diversament, kif ikkonkludiet l-imsemmija sentenza, "jiġu newtralizzati d-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom l-Attorney General għamel ir-rinviju";

Illi, jekk il-Maġistrat jirritjeni li l-imputazzjoni li tirriżulta mill-provi ħtija ta' kompetenza superjuri, huaa għandu, kif osservat l-istess sentenza l-aħħar ċitata, jiddikjara ruħu inkompetenti, anki jekk fir-rinviju jissemma reat inferjuri. Kemm, allura, din l-inkompetenza għandha tiġi affermata meta fl-istess rinviju jiġi espressament ċitat artikolu li jipprevedi reat punibbli b'aktar minn sentejn?

Illi l-Qorti qegħdha tassumi li l-Attorney General, meta reġa bagħat lura lilha l-attijiet tal-kumpilazzjoni, inkorra fi żball — dak li del resto ġie ammess minn dak l-uffiċjal fit-trattazzjoni tal-punt in diżamina. Indubbjament, l-attijiet magħmulin mill-Attorney General huma sorretti bit-teorija tar-"Rite et Recte" — prinċipju li huwa però sempliċement preżuntiv, kif sejħitlu s-sentenza fuq riferita tal-11 ta' April 1940, u għalhekk jammetti prova kuntrarja;

Indipendentement miċ-ċirkustanzi l-oħra fuq esposti, li juru kemm dan l-iżball huwa pależi, hemm konsiderazzjoni tal-akbar rilevanza. Kif intqal, l-art. 455(5) fuq riportat jiddisponi li, jekk minħabba n-nuqqas ta' ċirkustanzi li jġibu reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha, l-Attorney General jiddeċidi li ma jqiegħedx l-imputat taħt att ta' akkuża, imma jkun jidhirlu li mill-kumpilazzjoni jista' joħroġ reat ta' kompetenza tal-

Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja......... Presuppost, kwindi, "sine qua non" tal-eżerċizzju ta' dan il-poter mill-Attorney General huwa li jkun ta' fehma li ma jissussistix reat ta' kompetenza superjuri. Issa, fil-każ preżenti l-Attorney General, wara li esprima din l-opinjoni dwar in-nuqqas ta' reat superjuri, irrimetta l-attijiet biex isir il-ġudizzju relattiv għal reat mhux ta' kompetenza inferjuri; fi kliem ieħor, fl-istess ħin esprima żewġ opinjonijiet konfliġġenti, b'mod li tiġi deżunta kontradizzjoni lampanti, li tirrendi l-iżball in kwistjoni mhux biss manifest, imma wkoll ta' evidenza elementari;

Illi, kif jidher mill-motivazzjonijiet premessi għas-sentenza "Il-Pulizija vs. Salvu Aquilina et." tad-19 ta' April 1948 (App. Krim. Vol. XXXIII-IV-676), din il-Qorti għandha l-poter li tiddikjara l-inkompetenza tagħha in segwitu għar-rinviju, meta u jekk din id-dikjarazzjoni tkun konformi għad-dispożizzjonijiet tal-liġi;

Illi l-konklużjoni kuntrarja għall-inkompetenza tista' ġġib għall-inkonvenjent kbir bi skapitu tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Infatti, minn naħa waħda l-Qorti ma tkunx tista' tiġġudika r-reat akbar mill-kompetenza tagħha, indikat mill-Attorney General, u minn naħa oħra jista' jagħti l-każ li ebda reat iżgħar, li jidħol fl-ambitu tal-kompetenza tagħha, ma jkun jirriżulta mill-provi mismugħa; bil-konsegwenza li l-Qorti jkollha tillibera, u l-imputat jiġi meħlus għal kollox, għalkemm il-fatt kriminuż kostitwenti titolu akbar ikun ġie pruvat;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih dan appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li minflok jiġi deċiż illi, in segwitu għar-rinviju magħmul mill-Attorney General bin-nota tiegħu tal-ewwel ta' Marzu 1960 l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddikjara ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-każ, imma kellha tara jekk, fuq il-fatti li rriżultaw quddiemha, wara li tisma' l-provi, setgħax jirriżulta kontra l-imputat xi reat li l-piena tiegħu ma teċċedix is-sentejn, indipendentement mill-artikolu tal-liġi ċitat mill-Attorney General fl-imsemmija nota tiegħu, u li f'kull każ l-Ewwel Qorti ma kellhiex tirrinvija l-atti lill-

Attorney General, u li għalhekk dan l-ordni tagħha, mogħti fl-istess sentenza appellata, kien irritu u null, u kwindi inattendibbli;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dwar l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità sollevata mill-Attorney General;

Il-Prosekuzzjoni qegħdha tibbaża l-eċċezzjoni tagħha fuq l-assunt li si tratta in sostanza ta' digriet li bih ġew rimessi l-attijiet mill-Qorti Inferjuri lill-Attorney General (verbal tas-7 ta' Mejju 1960). Dan l-assunt, però, ma hux korrett. Il-pronunċja tal-Ewwel Qorti hi wkoll dikjarazzjoni minn dik il-Qorti li hi inkompetenti li tieħu konjizzjoni tar-reat dedott fin-nota ta' rinviju. Issa, pronunċja simili hi, mill-liġi stess, espressament kunsidrata bħala sentenza fl-art. 425(1) (b) (i) Kap. 12, fejn tagħti d-dritt lill-Attorney General li jappella minn sentenza fejn il-Qorti Inferjuri tiddikjara li ma hix kompetenti tiegħu konjizzjoni tar-reat. Id-digrieti jissemmew aktar il-quddiem, fl-art. 427. Issa, jekk pronunċja simili hi kunsidrata mill-liġi "expressis verbis", bħala sentenza, li minnha jista' jappella l-Attorney General, żgur li jista' jappella minnha l-imputat li skond it-test espress tal-liġi jista' jappella f'kull każ;

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità tibqa' respinta;

Ikkunsidrat;

Illi hu fatt innegabbli, li fin-nota tar-rinviju tal-Attorney General tal-ewwel ta' Marzu 1960, fol. 42, hemm imsemmi reat li jeċċedi l-kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, anki kif elevata bl-"Administration of Justice (Emergency) Regulations", Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 337 tal-1940;

Illi hu veru li skond il-ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel Qorti, il-Maġistrat, wara r-rinviju, jista' jsib l-imputat

ħati ta' reat ieħor divers minn dak imsemmi fir-rinviju, imma, s'intendi, dejjem fil-kompetenza ta' dik il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. F'dan il-każ, hemm iċ-ċirkustanza partikulari illi l-Attorney General, fin-nota ta' rinviju, indika reat li l-konjizzjoni tiegħu "ma hix" ta' kompetenza ta' dik il-Qorti, imma ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina. Issa, ċertament il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma tistgħax, "ut sic", tieħu konjizzjoni ta' reat ta' kompetenza superjuri sempliċement għax fin-nota tal-Attorney General jissemma reat simili; u dan għal żewġ raġunijiet, ċjoè (1) għaliex l-Attorney General jista' jibgħat lura l-attijiet lill-Qorti Inferjuri biex bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiġġudika dwar reat ta' kompetenza tagħha, iżda ma jistgħax "contra legem" jippretendi li dik il-Qorti tiġġudika, bis-saħħa tan-nota ta' rinviju, dwar reat mhux ta' kompetenza tagħha, u (2) għaliex l-Attorney General ma jistgħax bin-nota tar-rinviju jinnewtralizza jew ibiddel il-liġijiet dwar il-kompetenza;

Fir-rikors tal-appell ingħad li l-Maġistrat ma hux vinkolat li jiddeċidi biss dwar ir-reat imsemmi fin-nota tar-rinviju, imma jista' jiddeċidi fuq reat ieħor, u li għalhekk f'dan il-każ, il-Maġistrat seta' jittrasanda l-imputazzjoni ta' kompetenza superjuri u jgħaddi biex jiddeċidi dwar waħda oħra ta' kompetenza inferjuri;

Dan ir-raġunament ma hux korrett: għaliex, kontuttokkè li l-Maġistrat ma hux vinkolat li jiddeċidi bilfors fuq ir-reat imsemmi fin-nota ta' rinviju, però "għandu anki jeżamina jekk tirrikorrix l-imputazzjoni dedotta fin-nota". Għalhekk, fl-ipotesi li l-Maġistrat isib l-imputat ħati ta' "dik l-imputazzjoni", kien jiġri, f'dan il-każ partikulari, li fih, fin-nota tar-rinviju, hemm il-"lapsus" fuq imsemmi, illi l-Maġistrat, sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kien ikollu "contra legem" jiddeċidi dwar reat ta' kompetenza superjuri — ħaġa li hi manifestament inaċċettabbli;

Għalhekk, għamel sewwa l-Maġistrat, f'dan il-każ, li ddeċieda li l-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet inkompetenti;

Ikkunsidrat;

"In subordine", id-difiża ssottomettiet li l-Ewwel Qorti ma setgħetx, wara li ddikjarat l-inkompetenza tagħha, terġa' tordna li l-attijiet jiġu mill-ġdid mibgħutin lill-Attorney General. Għalkemm għamlet din id-deduzzjoni, id-difiża, però, ma qaletx preċiżament x'kien imissha għamlet l-Eewwel Qorti minflok il-proċedura mid-difiża kritikata;

Din il-Qorti hi ta' fehma li l-Qorti Inferjuri, wara li bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddikjarat ruħha inkompetenti, kien imissha qabel xejn, "hic et nunc", ittrasformat ruħha f'Qorti ta' Istruttorja Kriminali mill-ġdid, u dan fuq l-imputazzjoni ta' kompetenza superjuri kontenuta fin-nota ta' rinviju tal-Attorney General, għas-sens tal-art. 401, (qabel 388) tal-Kodiċi Kriminali (ara Appelli Kriminali "Pulizija vs. Spiteri" 26 ta' Lulju 1918, Imħ. Dr. Parnis, u "Pul. vs. Anthony Dimech" 25 ta' Novembru 1944, Imħ. Harding), u mbgħad wara li terġa tagħlaq il-kumpilazzjoni skond il-liġi, issegwi, skond dak li jirriżulta, xi waħda mill-proċeduri indikati fl-art. 413 jew fl-art. 415 Kap. 12, skond il-każ;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tipprovdi fuq l-appell tal-imputat fis-sens li tikkonferma s-sentenza appellata filli l-Qorti Inferjuri bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddikjarat ruħha inkompetenti u tirriformaha filli ordnat li l-proċess jintbagħat lill-Attorney General, billi tirrevoka dak l-ordni, u minflok tordna konformement għan-normi kontenuti fl-art. 440 Kap. 12, li dan il-proċess jiġi mibgħut lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta għalbiex tipproċedi kif fuq ingħad.